Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Il-Pulizija
(Spettur Frans Micallef)
vs
Antoine Sptieri u Joseph Galea

Illum 13 ta' Frar, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra iz-zewg imputati fuq imsemmija Antoine Spiteri, iben Carmelo u Mary Rose nee' Galea, imwieled Pieta fit-22 ta' Jannar, 1977 detentur tal-karta tal-identita Nru 88677(M) u Joseph Galea, iben Emanuel u Josephine nee Taliana, imwieled Pieta fit-3 ta' Marzu, 1976 u detentur tal-karta tal-identita Nru 161276(M) illi permezz taghhom huma akkuzati talli nhar il-21 ta' Jannar, 2001 ghall-habta tal-11.00p.m. mill-hanut Ponte Vecchio Restaurant, Sliema ikkommettew serq ta' flus u oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur liema valur huwa aktar minn elf liri Maltin

(LM1,000) u bil-hin (Sections 261 (b), (c), (f), 278(3), 279(b), 280(1), (2), 281(a);

Talli fl-istess data, hin u cirkustanzi f'Malta xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom (Sec. 334(a));

Talli ukoll fl-istess data, hin u cirkustanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammotna ghal aktar minn LM50 izda anqas minn LM500 (sec. 325(b));

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-28 ta' Settembru, 2001 illi permezz taghha deherlu illi tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fil-konfront taz-zewg imputati :

Fl-Artikolu 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 330, 279(b), 280, 334, 325(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali u semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija iwiegbu illi ma kellhom l-ebda oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Rat il-provi li tressqu;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet liz-zewg imputati debitament assistiti jirregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom u dan waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar, 2001;

Taqta u tiddeciedi wara illi rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali tal-5 ta' Settembru, 2001 illi fuq ammissjoni volontarja taz-zewg imputati fuq imsemmija ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom iz-zewg imputati fuq imsemmija ghandhom jinsabu hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom; hlief ghat-tieni imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni, liema akkuza ma tistax tirrizulta una volta gie ippruvat is-serq.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena l-Qorti wara illi semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza f'dan ir-rigward ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut u dana peress illi z-zewg imputati fuq imsemmija irregistraw ammissjoni, ir-refurtiva giet rikuperata mill-Prosekuzzjoni u giet mghoddija lil sidha u l-Qorti qieset ukoll f'dan ir-rigward il-fatt illi z-zewg imputati fuq imsemmija skond ma qal l-Ufficjal Prosekutur jidher illi qabdu t-triq it-tajba u ghalhekk ikun ferm aktar ta'

beneficcju kemm ghalihom kif ukoll ghas-socjeta illi huma jkomplu mexjin f'din it-triq illi qabdu;

Illi pero' l-Qorti ma tistax titratta bl-istess mod fil-konfront taz-zewg imputati fuq imsemmija u dana peress illi filwaqt illi l-fedina penali tal-imputat Joseph Galea hija relattivament netta, ma jistax jinghad l-istess ghall-imputat Antione Spiteri.  Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti fir-rigward tal-imputat Joseph Galea misjub hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, hlief ghat-tieni imputazzjoni, wara li rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi qeghda tilliberrah tobbligah li ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum;

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati Joseph Galea bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni;

Illi fir-rigward tal-imputat Antoine Spiteri, ukoll misjub hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, hlief ghat-tieni imputazzjoni, il-Qorti tikkundannah ghall-sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin mil-lum;

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati Antoine Spiteri bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul dan il-perjodu ta' prigunerija sospiza;

Illi inoltre fir-rigward tal-hati Antoine Spiteri, wara illi rat ukoll l-Artikolu 28 A u 28 G tal-Kap. 9 taghmel ordni ta' supervizzjoni illi permezz tieghu qeghda tqieghed lill-hati Antoine Spiteri taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal tal-Probation M'Anne Zammit ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum. Il-Qorti tordna illi kopja ta' din l-ordni ta' supervizzjoni tinghata minnufih lill-Ufficjal tal-Probation M'Anne Zammit;

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi kemm ghal din is-sentenza sospiza, kif ukoll fir-rigward ta' din l-ordni ta' supervizzjoni u dana skond l-Artikolu 28 G subartikoli (8) u (9) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tillibera liz-zewg imputati fuq imsemmija mit-tieni imputazzjoni illi ma gietx ippruvata fil-konfront taghhom.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur